MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 469/2009

Rikors Numru. 469/2009

**Go p.l.c.**

**Vs.**

**Jane Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà GO p.l.c. u ikkonfermat bil-gurament mill-Avukat Dottor Ingrid Zammit Young fl-24 ta' Novembru 2009, permezz ta' liema wara li ippremettiet illi (a) is-socjetà rikorrenti bidlet isimha ghal GO p.l.c. u dan fl-istess waqt illi zammet il-personalità guridika ezistenti stante li n-numru tar-Registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-Socjetajiet baqa' l-istess, cioè C22334, (b) l-ittra ufficjali bin-Numru ta' Referenza 11736/05 inharget taht l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-

Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Jane Gauci, detentrici ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 387754(M), fit-2 ta' Dicembru 2005, liema ittra giet debitament notifikata lill-intimata fid-9 ta' Dicembru 2005 kif jirrizulta mir-riferta tal-Marixall u in segwitu reza esekuttiva fil-konfront ta' l-intimata fid-19 ta' Jannar 2006 kif jirrizulta mit-timbru ta' Mario Azzopardi, Deputat Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja, (c) l-ammont indikat fl-ittra ufficjali imsemmija, flimkien ma' l-imghaxijiet u l-ispejjez, ghadhom dovuti lis-socjetà rikorrenti; u illi (d) mid-data meta giet reza esekuttiva l-imsemmija ittra ufficjali ghaddew iktar minn tlett (3) snin u s-socjetà rikorrenti ghandha interess li tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut – tablet sabiex din il-Qorti tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni halli tesegwixxi t-titolu esekuttiv taghha fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Rat id-Digriet taghha tat-30 ta' Novembru 2009 li bih appuntat ir-Rikors tas-socjetà rikorrenti ghas-smigh ghal nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar 2010 fid-9:30a.m., u li l-istess Rikors u Digriet jigu notifikati lill-intimata, bi zmien ghaxart (10) ijiem ghar-risposta.

Rat illi mill-atti jirrizulta li l-intimata giet debitament notifikata bir-Rikors u Digriet imsemmija izda naqset milli tirrispondi ghall-istess Rikors entro t-terminu lilha prefiss u naqset milli tidher ghas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti.

Rat l-atti l-ohra tar-Rikors u kkunsidrat:

Illi mill-atti processwali jirrizulta li ghaddew iktar minn tliet (3) snin minn dakinhar li fih skond il-Ligi l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 2 ta' Dicembru 2005 mahruga kontra l-intimata Jane Gauci u reza ezekuttiva fil-konfront taghha fid-19 ta' Jannar 2006, setghet  tigi esegwita fil-konfront ta' l-istess intimata.

Illi l-Avukat Dottor Ingrid Zammit Young in rapprezentanza tas-socjetà rikorrenti ikkonfermat bil-gurament ix-xorta tad-dejn pretiz mill-imsemmija socjetà minghand l-intimata u li dan id-dejn ghadu dovut sa' illum.

Illi l-intimata bin-nuqqas taghha li tirrispondi ghar-Rikors imsemmi entro t-terminu lilha prefiss u li tidher ghas-seduti ffissati ghas-smigh ta' tali Rikors, baqghet kontumaci.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjetà rikorrenti tirrizulta gustifikata u debitament ippruvata, il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tilqa' it-talba u tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimata, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, it-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront ta' l-istess intimata nascenti mill-ittra ufficjali bin-numru ta' referenza 11736/05 mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------